**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru: 50/2025 AL

AB

vs

C B

(M.R. Numru 3623/2015)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".

Illi l-partijiet ilhom separati mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Josef Christian Masini Vento anness Dokument B

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond **l-Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant r-rikorrenti umilent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015)

2. Tordna lir-Rġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2025;

Rat illi l-intimata m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illiipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Novembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.